MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru 301/2002

**Illum, 12 ta' Settembru 2003**

**App Nru 301/02**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rita Mifsud**
**Raymond Mifsud**
**Mary Anne Mifsud**
**Carmen Portelli**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rita Mifsud, Raymond Mifsud, Mary Anne Mifsud u Carmen Portelli talli fil-5 ta' Gunju, 1996 ghal habta tal-5.45pm fi Triq Gorf, Xaghra --

1 volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied;

2 sawwtu lil Joseph Buttigieg, Carmen Buttigieg u Alan Buttigieg;

3 ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Buttigieg u Alan Buttigieg kif iccertifika Dr John Xuereb Dingli MD; u

4 ikkagunaw hsarat fin-nuccalijiet ta' Carmen Mifsud (recte: Buttigieg) u Alan Buttigieg liema hsara tammonta ghal Lm39.90 u LM35.00 rispettivament;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-13 ta' Novembru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmija Rita Mifsud, Raymond Mifsud, Mary Anne Mifsud u Carmen Portelli hatja skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkundannathom multa ta' hamsin lira (Lm50.00) kull wiehed u wahda minnhom; dik il-qorti obbligathom ukoll li ma jimmolestawx jew idejjqu lil Joseph, Carmen u Alan Buttigieg ta' 52A Triq Gorf Xaghra Ghawdex fuq [recte: taht] penali ta' mitt (Lm100.00) multa fin-nuqqas ghal zmien sena skond l-Artikolu 383 tal-Kap 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Rita Mifsud, Raymond Mifsud, Mary Anne Mifsud u Carmen Portelli, minnhom ipprezentat fis-27 ta' Novembru 2002, li permezz tieghu talbu r-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellanti ghandhom zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu, bazikament, illi ma kienux huma li aggredew lill-membri tal-familja Buttigieg, izda kien Joseph Buttigieg li beda biex jagredixxi lil Raymond Mifsud, u wara anke ghamel ghal Rita Mifsud. Skond l-appellanti, Mary Anne Mifsud u Carmen Portelli intervjenew biss biex ma jhallux lil huhom jigi msawwat minn Joseph Buttigieg. It-tieni

aggravju, subordinat u bla pregudizzju ghall-ewwel wiehed, hu fis-sens li l-piena kienet eccessiva.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, u hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti. Huwa veru li, apparti li hemm zewg verzjonijiet principali – dik tal-familja Mifsud u dik tal-familja Buttigieg – hemm ukoll xi nuqqas ta' konkordanza bejn il-verzjonijiet moghtija mill-membri tal-istess familja. Fil-fehma tal-Qorti dan il-"konflitt" (jew "konfuzjoni", biex wiehed juza l-kelma uzata mill-abbili difensur ta' l-appellanti fil-kors tat-trattazzjoni tieghu) hu aktar wiehed apparenti milli reali. Meta ikun hemm incident ta' glied, aktar ma jdum l-incident u aktar ma jkollok xhieda, aktar ser ikollok dak li huwa apparentement konflitt, ghax kull xhud jara <u>bicca</u> mill-istess incident (u mhux nececssarjament l-incident kollu), u inoltre dik il-bacca li huwa jkun ra jaraha necessarjament mill-ottika partikolari tieghu. Fi kliem iehor, mhux biss ix-xhud ma jkunx neccessarjament ra l-incident kollu kemm hu, izda dik il-parti li huwa jkun ra tigi registrata f'mohhu wara li tghaddi mill-filtru ta' l-emozzjonijiet kollha ta' dak li jkun: hasda, ansjeta', biza', pregudizzju. Xhud, ghalhekk, jista' jenfasizza aspett ta' incident u jinjora aspett jew aspetti ohra mhux ghax deliberatament ikun qed jigdeb jew ma jkunx irid jghid il-verita`, izda ghax dik hija l-istampa li tkun baqghet impressa f'mohhu. F'kazijiet bhal dak in dizamina il-gudikant irid neccessarjament jaghmel uzu mill-esperjenza tieghu sabiex jasal ghall-konkluzzjoni ta' x'gara verament. Jekk dik il-konkluzzjoni tkun wahda li l-gudikant seta', a bazi tal-provi li kellu quddiemu, jasal ghaliha legalment u ragjonevolment, qorti fi grad ta' appell m'ghadhiex tiddisturbaha. U din il-Qorti hekk ukoll ser taghmel peress li hi tal-fehma li l-ewwel qorti kellha quddiema provi bizzejjed li a bazi taghhom setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, l-ewwel qorti ghazlet li taccetta l-versjoni tal-membri tal-familja Buttigieg, u din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba dik id-decizzjoni.

Kwantu ghall-piena, hawn ukoll din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja s-sentenza ta' l-ewwel qorti. Jidher li bejn iz-zewg familji involuti hemm nuqqas sew ta' bon vicinat, u ghalhekk il-piena erogata, specjalment il-precett skond l-Artikolu 383, ghandha sservi ta' deterrent ghall-futur.

Din il-Qorti, pero`, sejra taghti provvediment fil-konfront tax-xhud  Angelo Camilleri. Minkejja dak li nghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti hi konvinta li dana xhud ma kienx qed jghid il-verita` fiz-zewg deposizzjonijiet tieghu tat-28 ta' Marzu, 2003, meta huwa baqa' jinsisti li ma kien ra u sema' assolutament xejn. Ghalkemm din il-Qorti hadet, fl-imsemmija udjenza, provvediment skond l-Artikolu 522(1) tal-Kodici Kriminali, dana x-xhud baqa' ma jridx jghid il-verita`. Fil-fehma ta' din il-Qorti hemm aktar minn semplici suspett ragjonevoli ta' spergur da parti ta' dan Camilleri f'dan il-kaz.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-periodu ta' sena ta' l-obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kodici Kriminali jibda jiddekorri millum.

Tordna wkoll li, prevja l-accertamenti ulterjuri li l-Kummissarju tal-Pulizija jkun jidhirlu xierqa, Angelo Camilleri jitressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja sabiex issir il-kumpilazzjoni mehtiega fil-konfront tieghu fuq akkuza ta' spergur f'dawn il-proceduri.

(ft.)  V. DeGaetano
Prim Imhallef

(ft.)  Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------